MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2013

Numru. 578/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**VS**

**Claudio Cassar, iben Joseph u Carmen nee' Camilleri, imwieled Pieta' fit-28/06/1985 detentur ta' karta ta'l-identita' nru 332285M u residenti nru 10, Triq San Gejtanu, Hamrun**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Claudio Cassar:

1. akkuzat talli fil-05 ta' Gunju 2010 fil-fond nru 10, fi Triq San Gejtanu fil-Hamrun ghal habta ta' 16:45hrs, bil-hsieb lli jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta

bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi b'arma regolari jew strument li jaqta' jew iniggez, intenta jaghmel ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' huh Antonio Cassar, liema delitt ma giex esegwiet minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.
2. Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' huh Antonio Cassar kif iccertifika Dr. Petramay Cortis MD tal-isptar Mater Dei (art.41 Chapt 9 art 216 u art 217, Chapt 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
3. Talli nhar il-5 ta' Gunju 2010, f'nru 10, Triq San Gejtanu fil-Hamrun bl-imgieba tieghu ta fastidju lil huh Antonio Cassar b'xi mod li kien jaf li dan kien ta' fastidju ghalih u dan bi ksur ta'l-Artikoli 251A(1)(a)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel lil huh Antonio Cassar ingurja jew theddid mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk ikun ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dana bi ksur ta' Art 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor u cioe' lil Antonio Cassar jibza li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna imsemmija fl-artikolu 222(1) tkun hatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imgieba taghha ser tikkaguna lil xi haddiehor hekk jibza' kull darba min dawk l-okkazzjonijiet, u dan bi ksur ta'l-artikolu 251B(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
6. Talli huwa sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fil-21 ta' Mejju 2007 Mag Dr. D. Clarke LL.D., liema sentenza giet definittiva u li ma tistax tinbidel.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat l-kunsens ta'l-Avukat Generali tad-9 ta' Gunju 2010 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi akkwiziti f'dina l-kawza jirrizulta illi l-isfond ghal dana l-incident kienet kwistjoni jew argument familjari bejn l-imputat u huh Antonio Cassar. Illi ghal iktar minn darba f'dana l-*iter* processwali Antonio Cassar iddikjara illi huwa hafer lil huh l-imputat ghall-akkadut u fil-fatt lanqas ried jixhed fil-konfront tieghu. Illi ghalhekk l-uniku provi li ghandha l-Qorti quddiemha hija l-istqarrija rilaxxjata mil-imputat u ix-xhieda tat-tabiba li rat u dewwiet il-feriti subiti mil-parti leza. Illi ghalkemm mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur jidher illi kienet anke saret inkjesta magisterjali in konnessjoni ma' dana l-incident fejn anke gew nominati xi esperti, madanakollu il-*proces verbal* qatt ma gie esebiet in atti u ghalhekk il-Qorti lanqas ma ghandha quddiemha xi provi cirkostanzjali u/jew forensici li setghu ingabbru fl-*in genere*. Lanqas ma tressqu provi ukoll fir-rigward ta'l-ahhar akkuza dwar ir-recidiva.

**<u>L-akkuza dwar t-tentattiv ta'l-offiza volontarja</u>**:

L-imputat jinsab akkuzat principalment bir-reat ta' tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' huh Antonio Cassar. Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat ta'l-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. "Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu." (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid: "***the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for***

***the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible.*" (Notes on Criminal Law), izda imbaghad izid "*Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo*.**"

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

"**Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I*** (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) Jghid f'pagna 79:

**"*Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema***

***benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo.*"**

U ikkonkludiet: “Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali taghna, u cioe’ li jista’ ikollok tentattiv ta’ offiza gravi jew tentattiv ta’ offiza gravissima, purche’ jigi pruvat li l-agent kellu <u>l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi</u> jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta’ tentattiv ta’ offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta’ tentattiv ta’ offiza gravísima fit-tieni lok.”

Illi maghmul dina l-esposizzjoni legali, din l-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-fattispecje ta’ dana l-kaz bil-ghan li jigi stabbilit jekk f’dana il-kaz tistax tirrizulta htija ghall-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront ta’l-imputat. Illi kif diga inghad fil-kaz ta’ offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed izda

fil-kaz tat-tentattiv tar-reat ta'l-offiza gravi jew gravíssima l-prosekuzzjoni jenhtiegilha tipprova lil hinn minn kull dubbju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq il-vittma. Issa kif diga inghad l-uniku prova li hemm fl-atti li titfa' dawl fuq id-dinamika ta' dana l-incident hija l-istqarrija rilaxxjata mil-imputat.[1] L-imputat ighid illi huwa kellu argument verbali ma' huh filwaqt li kienu fil-kcina. F'dak il-hin huwa kellu sikkina f'idejh ghax kien qed jaghmel il-hobz. Bir-rabbja huwa taha daqqa biha fuq il-bank tal-kcina u din inqassmet tant illi parti minnha zelqet u laqtitu f'koxxtu fejn huwa sofra ferita. Hawnhekk ighid illi huwa iktar irrabbja ghal huh u huma komplew jiggieldu. Hu f'dana il-hin baqa' izomm is-sikkina f'idejh u ighid illi fit-taqtiegha li kien hemm bejnu u bejn huh huwa laqat accidentalment lil huh f'daharu b'din is-sikkina. Huwa jishaq illi ma kellu l-ebda intenzjoni jattakka lil huh bis-sikkina u din kienet f'idejh ghax kien qed jipprepara bicca hobz.

Illi matul l-*iter* processwali hu l-imputat Antonio Cassar hafer ghal diversi drabi lil huh u lejn l-ahhar tal-kawza huwa ighid illi hu u l-imputat kienu ghadhom ighixu taht l-istess saqaf u ma kellhom l-ebda problema ohra fir-relazzjoni ta' bejniethom minn dak in-nhar ta' dana l-incident.

Illi ghalhekk minn dawn il-provi skarni, l-Qorti ma tista' qatt tasal ghal konkluzjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-imputat kellu l-intenzjoni specifika illi jikkaguna xi ferita gravi fuq huh bis-sikkina li kellu f'idejh. Provi dwar dan fl-atti ma hemmx.

Illi madanakollu ma hemmx dubbju illi fit-taqtiegha l-imputat ikkaguna griehi hfief fuq huh u dana skond ma jirrizulta mix-xhieda ta' Dr. Petramay Cortis u ic-certifikat mediku imhejji minnha fejn tghid illi mill-ezami mediku li sar fuq Antonio Cassar hija irriskontrat xi feriti konsisteni fi brix u *stab wound* ta' madwar centimetru fuq id-dahar, liema feriti hija ikklassifikathom bhala ta' natura hafifa. Illi ghalkemm, kif diga inghad, Antonio Cassar irrinunzja

[1] Stqarrija esebieta a fol.12 u 13 tal-process

ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta’ huh l-imputat, madanakollu fid-dawl ta’ dak dispost fl-artikolu 221(4) tal-Kapitolu 9, dina l-azzjoni mhijiex rinunzjabbli u ma tenhtiegx il-kwerela tal-parti offiza sabiex tirnexxi, billi tinvolvi persuni imparentati kif previst fl-artikolu 222(1)(a) u kwindi il-Qorti ser issib htija fir-rigward ta’ dina l-akkuza.

**<u>It-tielet u il-hames akkuzi</u>**:

Illi l-imputat jisnab akkuzat ukoll bir-reat tal-fastidju jew l-hekk imsejjah *harassement* bil-vjolenza. Illi r-reat tal-fastidju u tal-*harassement* kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun “*a course of conduct*” u mhux incident wiehed u izolat. Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs James Demanuele deciza fis-26 ta’ Novembru 2009 il-Qorti stqarret:

**“L-artikolu 251A johloq ir-reat ta’ persuna li ggib ruha b’ mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b’ mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta’ fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b’ mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta’ persuna ohra jekk fil-qies ta’ persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b’reat taht dan l-artikolu tista’ ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta’ fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata’: (“*alarming”)* jew idejjaq: (“*causing ..distress”)* lill-persuna.**

Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "h*arassment")* gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-

**"*Words, conduct or action (usu. <u>Repeated or persistent</u>) that being directed at a specific person,***

***annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",*** dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat **"*in isolation*"** b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"** [21.6.07] :-

***"…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."***

Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. *("alarming the person or causing the person distress"* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "*harassment".* Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."

Billi ghalhekk mill-atti ma jirrizultax illi kien hemm xi incidenti ohra bejn l-imputat u huh ghajr ghal dana l-incident mertu tal-kawza, l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat minn dawn l-akkuzi ukoll.

Ikkunsidrat,

Illi finalment l-imputat jinsab akkuzat bir-reat kontravvenzjonali kif ikkontemplat fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9. Illi ghalkemm mill-atti jirrizulta illi inqala' argument bejn l-ahwa Cassar fejn dawn spiccaw anke hebbew ghal xulxin, madanakollu ma jirrizulatx minn dak li ighid l-imputat fl-istqarrija tieghu, x'kien id-diskors li gie skambjat bejniethom. Kwindi ma hemmx xejn fl-atti li jindika illi l-imputat ingurja jew hedded lil huh. Ghaldaqstant l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.

Illi dwar l-akkuza tar-recidiva, kif diga intqal iktar 'il fuq, l-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq prova dwar dan ghajr ghal fedina penali ta'l-imputat. Illi l-Qorti madanakollu ma tistax tasal biex issib htija ghal dina l-akkuza abbazi ta' fedina penali biss minghajr ma ikollha quddiemha is-sentenza indikata fl-akkuza u dana ai fini ta' verifika.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta fuq l-imputat ghall-unika akkuza li dwarha ser tinsab htija, l-Qorti trid izzomm quddiem ghajnejha l-isfond ta' dan l-incident u il-fatt illi dan kien incident familjari fejn il-vittma hafer lill-imputat ghall-akkadut u jirrizulta illi illum hemm *modus vivendi* pacifiku bejn dawn it-tnejn minn nies illi mhux ser jigi iddisturbat minn dina l-Qorti.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 221(1)(4), 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati biss tat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah mil-kumplament ta'l-akkuzi, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sitt xhur mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsgwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dana il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------